MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Numru. 751/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**TUDOR CORNEL MARIN**
**GEANI ROBERTO MARIN**
**GEORGIANA ELENA CHIUC**
**CORNELIA MARIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Tudor Cornel Marin ta’ 30 sena, iben Niculae u Niculina xebba Marinescu, imwieled gewwa r-Rumania nhar l-24 ta’ Gunju 1982, residenti gewwa Klozet Block, Flat 7, Triq Ball, San Giljan,

detentur ta' karta ta' l-identita Rumena b'numru DP145591.

U

Geani Roberto Marin ta' 31 sena, iben Niculae u Niculina xebba Marinescu, imwieled gewwa r-Rumania nhar is-17 ta' April 1981, residenti gewwa Klozet Block, Flat 7, Triq Ball, San Giljan, detentur ta' Passaport Rumen b'numru 13079601.

U

Georgiana Elena Chiuc ta' 20 sena, bint Gheorghe Chiuc u Aurora xebba Lumgu, mwielda gewwa ir-Rumania nhar it-18 ta' Mejju 1992, residenti gewwa Havana Appartments, Flat 6 Triq San Gorg, San Giljan u detentrici ta' passaport Rumen b'numru 085674354.

U

Cornelia Marin ta' 27 sena, bint Niculae u Niculina xebba Marinescu, mwielda gewwa r-Rumania nhar it-18 ta' Novembru 1984, residenti gewwa Klozet Block, Flat 7, Triq Ball, San Giljan, detentrici tal-karta ta' l-identita' Rumena b'numru RT 689550

Gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Lulju 2012 u t-22 ta' Lulju 2012 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, gewwa San Giljan;

1. B'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 5 tal-Process u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 18 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Tudor Cornel Marin u Geani Roberto Marin, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati Tudor Cornel Marin u Geani Roberto Marin ammettew fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta taghhom, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Tudor Cornel Marin u Geani Roberto Marin ghall-piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn (2) millum l-imputati Tudor Cornel Marin u Geani Roberto Marin jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Issib lill-imputata Georgiana Elena Chiuc, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imsemmija imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-istess imputata, tillibera lill-istess imputata Georgiana Elena Chiuc taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

Issib lill-imputata Cornelia Marin, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imsemmija imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-istess imputata, tillibera lill-istess imputata Cornelia Marin taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Tudor Cornel Marin u Geani Roberto Marin l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed taghti lill-imputati Georgiana Elena Chiuc u Cornelia Marin l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------